

Brussell, 31 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12577/26

AG 129
INST 307
FREMP 271
ANTIDISCRIM 81
MIGR 228
VISA 87

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5115 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'22.7.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Save Europe Act"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 5115 final.

Mehmuż: C(2026) 5115 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2026
C(2026) 5115 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 22.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save Europe Act”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'22.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save Europe Act”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li tat lill-grupp ta' organizzaturi l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ġunju 2026, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save Europe Act”.
- (2) Fl-24 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni infurmat lill-grupp ta' organizzaturi dwar il-valutazzjoni preliminari tagħha u stednitu jippreżenta l-kummenti tiegħu. Il-grupp ta' organizzaturi ppreżenta l-kummenti tiegħu fid-29 ta' Ġunju 2026.
- (3) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li tistieden lill-Kummissjoni “tipproponi att tal-Unjoni li jistabbilixxi moratorju temporanju fuq kanali ġodda ta' immigrazzjoni mhux tal-Punent, inklużi viżi għal studju u riunifikazzjoni tal-familja, filwaqt li tirrifirma b'mod fundamentali s-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil tal-UE. L-att jenħtieġ li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-proċeduri ta' skrinjar rapidu u ta' ritorn, u jipprevedi l-migrazzjoni mill-ġdid sistematika u aċċellerata ta' migranti li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, applikanti għall-ażil miċħuda, u kategoriji ulterjuri ta' migranti mhux Ewropej li s-soġġorn kontinwu tagħhom ipoġġi piż serju fuq l-Istati Membri. Jenħtieġ ukoll li jiżgura r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn madwar l-Unjoni kollha, kooperazzjoni aqwa mal-pajjiżi terzi fir-rigward ta' riammissjoni, u t-tneħħija ta' fatturi ta' attrazzjoni ta' assistenza soċjali li jħeġġu migrazzjoni ulterjuri lejn l-Ewropa.” Anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-oġettivi tagħha.
- (4) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (5) Il-Kummissjoni tinnota li l-oġettivi proposti kollha tal-inizjattiva għandhom, bħala l-punt tat-tluq tagħhom, il- “moratorju temporanju fuq kanali ġodda ta' immigrazzjoni

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

mhux tal-Punent”. Il-moratorju ġeneralizzat propost fuq l-immigrazzjoni – definit abbażi tal-“kontinwità etnika u kulturali” tal-“popli indiġeni tal-Ewropa” kontra dak li l-inizjattiva tikkaratterizza bħala “sostituzzjoni demografika” minn migranti “mhux tal-Punent” u “mhux Ewropej” – ma jkunx ibbażat fuq kriterji ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni iżda fuq l-orijini etnika, kulturali jew ċivilizzazzjonali tal-persuni kkonċernati. Għalhekk, il-moratorju ġeneralizzat propost jiddiskrimina abbażi tar-razza u l-orijini etnika. Hija għalhekk manifestament kuntrarja għall-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta’ Settembru 2017, *Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill*, C 643/15 u C 647/15, EU:C:2017:631, punt 305) u għall-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.

- (6) Għall-kuntrarju tal-kummenti ppreżentati mill-grupp ta’ organizzaturi, it-terminu “mhux tal-Punent” ma jistax jirreferi “esklużivament għall-flussi migratorji esterni u għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi”, peress li l-inizjattiva hija mmirata biss lejn persuni b’orijini speċifikament “mhux Ewropea” jew “mhux tal-Punent”.
- (7) Il-grupp ta’ organizzaturi jirrimarka wkoll li l-inizjattiva hija ġġustifikata mill-“kontinwità kulturali u demografika tal-popli tal-Ewropa” u li l-Artikolu 4(2) tat-TUE jobbliga lill-Unjoni tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri. Madankollu, l-Artikolu 4(2) TUE jipproteġi biss perspettiva tal-identità nazzjonali li tkun konformi mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE (sentenza tal-21 ta’ April 2026, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*, C-769/22, EU:C:2026:326, paragrafu 562). Għalhekk, ir-rispett għall-identitajiet nazzjonali skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE ma jawtorizzax miżuri li huma inkompatibbli mal-valuri fundamentali jew mad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni u għalhekk il-grupp ta’ organizzaturi ma jistax jiddependi fuq l-identità nazzjonali biex jiġġustifika esklużjoni wiesgħa mill-kanali tal-immigrazzjoni bbażati fuq l-orijini etnika.
- (8) Għal dawk ir-raġunijiet, l-inizjattiva intitolata “Save Europe Act” tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE u d-drittijiet minqusa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (9) Għalhekk, f’konformità mal-Artikolu 6(3), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788, it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva intitolata “Save Europe Act” jenħteġ li tiġi rrifjutata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Save Europe Act” ma għandhiex tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta’ organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata “Save Europe Act”, irrappreżentat minn Eva VLAARDINGERBROEK u Martin SELLNER li jaġixxu bħala persuni ta’ kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 22.7.2026

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni